MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 77/2003

**Toni Spiteri**

**vs**

**Joseph Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kundannat thallas lill-attur is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltin, u erbatax-il centezmu (Lm 172.14) ammont dovut minnek fuq *parts, spray u labour* li sar fuq il-karozza tieghek 'Seat Cordoba' – DBG 286, fuq instruzzjonijiet tieghek stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Mejju 2003, u 10 ta' Gunju 2003 u dik ta' ittra ufficjali datata Gunju 2003 u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont

dovut dekorribbli mill-1 ta' Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah."

Ra r-risposta:

"Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita' u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili;

Illi l-konvenut ma ghandu jaghti ebda ammont lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Ikkunsidra fil-mertu:

Illi kien il-konvenut li ha l-karozza ghand l-attur u talbu sabiex jirripara l-hsarat li kien fiha kawza ta' kollizjoni awtomobilistika li kien involut fiha l-attur. Bhalma s-soltu jsir f'kazijiet simili, id-ditta assikuratrici tal-vettura li habat maghha l-konvenut bghatet is-surveyor taghha sabiex jikkonstata l-entita' tal-hsarat. L-attur spjega li dan dejjem isir bla pregudizzju u cioe' minghajr b'daqshekk ma d-ditta assikuratrici tassumi r-responsabilita' ghall-incident.

Illi kien x'kien il-ftehim li jista' jkun hemm ghar-rigward ta' responsabilita' tal-incident bejn id-ditta assikuratrici u l-konvenut, l-attur kien dejjem estraneu ghal tali ftehim. Ix-xoghol ikkummissjonah il-konvenut u mhux id-ditta assikuratrici u ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas tal-istess xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM172.14 ammont dovut fuq parts u xoghol ta' labour u spray fuq il-vettura *Seat Cordoba – DBG-286* esegwit mill-attur fuq inkariku tieghu bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-28 ta'

Mejju 2003 u tal-10 ta’ Gunju 2003 kif ukoll tal-ittra ufficcjali ta’ Gunju 2003 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------